MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## ANNA FELICE

Seduta tal-25 ta' Mejju, 2010

Citazzjoni Numru. 277/2008

**A B**

**-vs-**

**Dr. Beppe Fenech Adami u l-P.L. Veronica Rosignaud gew nominati Kuraturi Deputati skond id-digriet tal-Qorti tal-15 ta' Settembru 2008 sabiex jirraprezentaw lill-minuri C D B,**
**B'digriet tas-27 ta' Jannar 2009, il-Kuratur Dr. Beppe Fenech Adami gie mibdul bil-Kuratur Dr. Anthony Cutajar,**
**E F B,**
**Direttur tar-Registru Pubbliku**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ta' A B fejn dan, wara li ppremetta:

Illi l-kontendenti huma mizzewgin u legalment separati minn xulxin in forza ta’ kuntratt ta’ separazzjoni personali datat 22 ta’ Awissu 2007, li qed jigi anness u mmarkat bhala Dokument AE 1, u kienu ilhom separati de facto ghal diversi xhur qabel gie ffirmat l-imsemmi kuntratt ta’ separazzjoni personali taghhom.

Illi r-rikorrent ghadu kif sar jaf illi fid-29 ta’ Mejju 2008, l-intimata E F B welldet tarbija li jisimha C D B, u dan skond ma jirrizulta mic-certifikat tat-twelid tal-imsemmija minuri li qed jigi anness u mmarkat bhala Dokument AE 2.

Illi ma hemm l-ebda dubju li din it-tarbija twieldet minn relazzjoni extramatrimonjali li l-intimata B kellha ma’ terza persuna u mhux minn xi relazzjoni li hi kellha mar-rikorrent, kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza, pero’ fl-att tat-twelid tal-minuri, ir-rikorrent jinsab indikat bhala missier l-istess minuri.

Illi r-rikorrent irid jichad milli jaghraf lill-minuri C D B bhala bintu naturali u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Ghaldaqstant, jghidu l-konvenuti ghaliex din l-Onorabbli Qorti m’ghandhiex:

Tiddikjara li l-minuri C D B m’hijiex il-wild naturali tar-rikorrent u li r-rikorrent m’huwiex il-missier naturali tal-istess minuri.

Konsegwentement tordna lill-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku ihassar minn fuq ic-certifikat tat-twelid tal-imsemmija minuri C D B, mill-kolonna li tirraprezenta isem u kunjom il-missier il-kliem “A B”, in-numru tal-karta tal-identita’ tar-rikorrent, il-professjoni jew sengha tar-rikorrent, l-eta’, il-post tat-twelid u residenza tar-rikorrent kif ukoll isem u kunjom il-missier ir-rikorrent, u jekk l-imsemmi missieru huwiex haj jew mejjet, u tordna kull modifika ohra in vista tal-ewwel talba u jekk jehtieg, f’kull att iehor relattiv u sussegwenti.

Bl-ispejjez kontra l-intimata E F B li hi minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku fejn dan eccepixxa:

Illi preliminarjament fil-mertu, l-esponent mhux edott mill-fatti kif allegati fir-rikors guramentat u ghalhekk jirrimetti ruhu ghall-provi dwar it-talbiet, inkluz dawk it-testijiet xjentifici necessarji, ghall-gudizzju ta’ din l-Onorabbli Qorti.

Illi jehtieg li l-minuri tkun parti fil-kawza u l-interessi taghha rapprezentati minn kuraturi deputati.

Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, jekk it-talbiet dedotti fir-rikors jintlaqghu jehtieg li l-kunjom tat-tarbija jigi korrett.

Illi ghandha ssir id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern ai termini ta’ l-Artikolu 254 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Illi fi kwalunkwe kaz, it-tibdil rikjest fl-Att tat-Twelid mhux attribwibbli ghal xi nuqqas ta’ l-intimat li ghaldaqstant m’ghandux jigi soggett ghall-ispejjez ta’ l-istanti.

Rat id-digriet tal-15 ta’ Settembru 2008, li permezz tieghu Dr. Beppe Fenech Adami u l-P.L. Veronica Rosignaud gew nominati bhala kuraturi biex jirraprezentaw lill-minuri C D B.

Rat id-digriet tas-27 ta’ Jannar 2009, li permezz tieghu Dr. Beppe Fenech Adami gie mnehhi minn kuratur tal-minuri u nhatar minfloku Dr. Anthony Cutajar u r-risposta tal-kuraturi fejn dawn eccepew:

Illi f’dan l-istadju huma mhux edotti mill-fatti u ghalhekk jirrizervaw li jipprezentaw risposta fil-mertu fi stadju ulterjuri tal-proceduri.

Rat in-nota a fol. 15 tal-process li biha l-intimata E F B ammettiet it-talbiet tar-rikorrenti.

Rat li saret id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern.

Ikkunsidrat illi permezz ta' din il-kawza A B qed jitlob lil din il-Qorti tiddikjara illi t-tifla li welldet martu fid-29 ta' Mejju 2008, u li giet registrata bhala bintu m'hijiex fil-fatt bintu naturali. Il-konvenuta dan tammettih u tikkonfermah bil-gurament kif jikkonfermah ukoll bil-gurament certu Wayne Camilleri li jirrizulta huwa l-missier naturali tat-tarbija.

Il-Qorti tqis li l-fatti gew pruvati bla dubju mir-rizultati tal-ezamijiet xjentifici esegwiti mill-Ispizjara Marisa Cassar u minnha konfermati bil-gurament (fol. 62)

**Ghaldaqstant, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:**

Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara li C D B li twieldet fid-29 ta' Mejju 2008, m'hijiex bint naturali ta' A B.

Tordna li fl-Att tat-Twelid 1943 tas-sena 2008, l-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku ihassar isem A B u l-konnotati tieghu mill-kolonna li turi d-dettalji ta' missier it-tarbija u minflok idahhal il-kliem "mhux maghruf".

Mill-kolonna bid-dettalji tal-omm ghandhom jithassru l-kliem "the said".

L-ispejjez tal-kawza jithallsu minn E F B.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------